**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum l-Erbgħa, tnejn u għoxrin (22) ta' Jannar 2025

Kawża Nru 9421/2023

**Il-Pulizija**
***(Supretendent Joseph Busuttil)***

Vs

**Geatano Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Geatano Cutajar**, iben Mary Cutajar, imwieled ġewwa l-Ħamrun fil-ħmistax (15) ta' Marzu 1959 u residenti 5, Triq St Fidele, Ħamrun, Malta detentur tal-karta tal-identita numru 209859(M) talli:

(1) f' xi żmien fis-sena 2023 f'dawn il-Għejjer permezz ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika għamilt użu mhux xieraq bih;[1]

(2) u aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi uża kliem jew imġieba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew esebixxa xi materjal miktub jew stampat li kien ta' theddid, abbużiv jew insolenti jew xort'oħra ġab ruħu b'dak il-mod, bil-ħsieb li b'hekk iqajjem vjolenza jew mibgħeda razzjali kontra xi persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bażi ta' ġeneru, identita' tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jew b'hekk ħoloq il-probbabilita' li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibgħeda razzjali.[2]

Rat l-affidavit preżentat kif wkoll l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti preżentati;

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar id-disgħa (9) ta' Novembru 2023, il-Pulizija ta' kontra l-vizzji rċievew rapport mill-Onor. Jerome Caruana Cilia rigward kummenti ta' *hate crime* politiċi li kienu tpoġġew fuq il-paġna tiegħu

---

[1] Artikolu 49(c) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikolu 82A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

ta' facebook. Il-post oriġinali kien ġie imtella' fit-tmienja (8) ta' Frar 2020 u l-kumment li allegatament sar mill-akkużat kien tpoġġa fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Awissu 2023. Il-post kien jgħid: *"ghajdilna min qatel lil Karen Grech pufta."*

Cutajar ġie imsejjaħ fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija sabiex jiġi mitkellem fuq il-kumment. Qabel ma ġie mitkellem, huwa ġie infurmat bid-drittijiet legali tiegħu u għażel li jeżerċita d-dritt tal-Avukat u fil-fatt kien ikkonsulta mal-Avukat tiegħu Dr Mario De Marco. L-akkużat għażel li jirrilaxxa statement lill-Pulizija fejn huwa ammetta li l-kumment indikat kien kitbu hu. Cutajar ġie infurmat li kienu sejrin jinħarġu l-akkużi fil-konfront tiegħu.

Ikkunsidrat;

Il-każ tal-Prosekuzzjoni prattikament **<u>jistrieħ unikament u esklussivament</u>** fuq l-affidavit ta' PS 2041 E. Cassar. Minn eżami tal-istess affidavit huwa ċar li dan l-affidavit – għalkemm ġie preżentat mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-għaxra (10) ta' Lulju 2024 – ma ġiex konfermat bil-ġurament. Sabiex dan l-affidavit ikun ammissibbli bħala prova skont il-liġi, dan ried ikun konfermat bil-ġurament quddiem Kummissarju bis-setgħa li jagħti l-ġuramenti. Minn eżami tal-istess dokument m'hemm xejn x'jikkonferma li ġie somministrat il-ġurament lil PS 20141. Infatti la hemm isem u firma tal-Kummissarju tal-Ġustizzja u lanqas hemm data ta' meta suppost ingħata dan il-ġurament. Hemm biss mimli l-lok u l-firma tal-uffiċjal PS 2041. Fin-nuqqas ta' prova ċara u inekwivoka li ġie segwita l-proċedura indikata fl-artikolu 7 tal-Kap. 79, din

il-Qorti ma tistax tassumi li l-ġurament ingħata. Kif kellha opportunita tirrimarka din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Jan Christoffer Oskarsson*** deċiża minn din il-Qorti kif preseduta fid-dsatax (19) ta' Lulju 2024 hija u tikkummenta fuq il-fatt li l-lok fl-affidavit ma ġiex indikat: *"Fi proċeduri penali, il-Qorti ma tistax tassumi l-affarijiet hi; l-affarijiet jridu joħorġu ċar mill-atti. . . Għall-Qorti dawn huma żbalji ovvji li ma jridux xi sforz partikolari sabiex jiġu evitati."* Dan il-kumment japplika perfettament għaċ-ċirkostanzi ta' din il-kawża. Konsegwentement l-affidavit ta' PS 2041 E. Cassar sejjer jiġi skartat kompletament minn din il-Qorti.

Skartata din il-prova, il-Qorti ma jibqgħalha xejn fl-atti li jista' b'xi mod jissostanzja l-akkużi fil-konfront tal-akkużat. Il-fatt li l-affidavit ta' PS 2041 ġie dikjarat inammissibbli ippriva lill-Prosekuzzjoni mill-unika prova li kellha u li possibilment setgħet twassal għal sejbien ta' ħtija. Fin-nuqqas ta' provi validi oħra li jissostanzjaw l-akkużi fil-konfront tal-akkużat, din il-Qorti ma jibqgħalha l-ebda triq oħra ħlief li tillibera lill-akkużat mill-akkużi li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu.

Din il-Qorti fiċ-ċirkustanzi ma tarax in-neċessita li hija tidħol fl-argumenti l-oħra li ġew sollevati mid-difiża fis-sottomissjonijiet finali tagħha.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti **mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati** tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u qed tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**